MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1118/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**

**VS**

**Noel Grech detentur tal-karta tal-identita' numru 1886M;**
**U Georgina Farrugia detentrici tal-karta tal-identita' numru 434173M**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmija **Noel Grech** u **Georgina Farrugia** li gew akkuzati talli nhar it-30

ta’ Awwissu, 2010, ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghaxija (11.30pm), fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Ghamlu offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Patrick Gatt skont kif iccertifikat it-Tabiba Dr Maria Cassar mill-Poliklinika tal-Floriana;

2. U aktar talli Noel Grech wahdu fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ windscreen tal-vettura tal-ghamla BMW numru ta’ registrazzjoni BBU964 ghad-dannu ta’ Patrick Gatt, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3. U aktar talli Georgina Farrugia wahidha fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li taghmel delitt, cioe’ minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ittentat li tikkometti ferita ta’ natura gravi fuq il-perusna ta’ Patrick Gatt u wriet dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghha;

4. U aktar talli Giorgina Farrugia wahidha, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saqet vettura tal-ghamla Pajero b’numru ta’ registrazzjoni EBI894 b’manjiera traskurata u perikoluza;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saqet vettura tal-ghamla Pajero b’numru tar-registrazzjoni

EBI894, kontra s-sinjali tat-traffiku, meta l-istess sinjal kien jghid li ma setghetx tidhol (one-way);

6. U aktar talli t-tnejn li huma, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghal Patrick Gatt sabiex jingurjawh, idejquh, jew jaghmlulu hsara;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputati wiegbu li ma kinux hatja;

Rat ukoll illi ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji – f'dan ir-rigward rat illi l-Avukat Generali baghat il-kunsens tieghu f'dan ir-rigward.

L-**<u>Ispettur Trevor Micallef</u>** xehed dwar ir-rapport li rcieva dwar tfajla ta' certu Noel Grech, kienet giet mhedda minn ragel li tieghu tah in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura. Patrick kien qallhom li hu lil din il-persuna ma kinx jafha. Interrogaw lil certu Noel Grech u perusna ohra li kienet mieghu. Dan Patrick Gatt tah l-istima tal-hsarat li sofriet il-vettura tieghu f'dan l-incident li gharaf ezebita a folio 16.
Ezebixxa wkoll l-istqarrijiet ta' Noel Grech u Georgina Farrugia.

**<u>Brian Farrugia</u>** minn naha tieghu ghall-ADT, xehed dwar il-Mitsubishi Pajero EBI894 li kienet registrata fuq Noel Grech; ezebixxa dwar dan Dok BC.

F'dan ir-rigward jixhed ukoll **PS 1370 Antoine Micallef** li rcieva rapport minghand Patrick Gatt dwar vettura li dahlet one-way – ezebixxa r-rapport li hu ha tal-incident bhala Dok AM.

Xehed ukoll **Partrick Gatt** li qal illi qabel kien johrog ma' wahda jisimha Georgina Farrugia. Qal illi hu u l-gharusa tieghu marru jixtru Paceville; hu nel frattemp mar ikellem persuna tat-taxi. Hemm jghid illi ra Pajoero misjuqa wrong side mit-triq ta' Paceville lejn "*tac-chicken*". Qal illi hargu ghalih. Qal illi l-Pajero kienet hamra u li kienet tajritu. Spjega li dawn li hargu ghalih kienu din Georgina, it-tifla taghha u Noel. Qal illi kienet din Georgina li kienet fil-fatt qed issuq.
Qal illi hu ddefena lilu nnifsu la nizlu ghalih. Zied illi dawn regghu rikbu gol-Pajero u marru. Kissrulu wkoll il-windscreen tal-BMW. Qal illi ma kinx jiftakar in-number plate tal-vettura. Saz-zmien illi kien qed jiddeponi kien ghadu ma thallasx tad-danni. Muri stima a folio 14 u 15 tal-atti, gharaf l-istess bhala d-danni kagunati. Qal illi fl-incident wegga' saqajh u ghamel certifikat ta' hekk. Gharaf l-istess a folio 16.

Minn naha taghha **Romina Azzopardi** xehdet illi hi kienet Paceville maghhom, (s'hawn cert ma' min) ma' ommha. Qalet illi ommha kienet qed issuq. Kien hemm l-gharus taghha Noel fuq in-naha tal-passiggier, u hi u habiba taghha kienu fuq wara. Xehdet illi kienu ghaddejin minn Paceville fit-triq tal-Burger King, waqqafhom Patrick Gatt u qal lilha "*Trid tghidli xi haga?*", qabdilha xagharha, habbtilha rasha mal-bieba tat-tieqa. Xehdet illi nizel Noel Grech, mar biex iferraqhom. Dan (hawn taghmel referenza ghall-imputat) ta daqqa ta' ponn lil Noel, tefghu mal-art, tah b'zewg crieket tal-lira, pero tghid illi wara nezaghhom. Qalet illi ommha kien jisimha Mary Aquilina.

Certu **<u>Carmelo Mugliett</u>** li jahdem bhala panel beater, ta stima tal-hsara li sofriet il-BMW BBU664. L-istima kienet ghall-ammont ta’ mija u ghoxrin Ewro (€120), Dok CF (recte Dok CM) (folio 67).

Minn naha tieghu **<u>David Cachia</u>**, amministratur ta’ Muscat Motors Ltd, qabel illi l-istima hargitha d-ditta msemmija.

**<u>Patrick Gatt</u>** minn naha tieghu rega’ xehed u kkonferma li Noel kien fil-fatt qallu li ried jirranga mieghu, pero mill-hames mitt Ewro (€500) li ftehmu flok seba’ mitt Ewro (€700), dan minghandu baqa’ ma ha xejn.

Aktar tard, fil-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2014, gie verbalizzat illi Noel Grech ghadda s-somma ta’ hames mitt Ewro (€500) lil Patrick Gatt.

Xehed aktar tard **<u>Patrick Gatt</u>** li kien qed jahfer lil Noel Grech u li minghandu ma ried xejn aktar.

Xehdu wkoll minn naha taghhom kemm **<u>Noel Grech</u>** u kif ukoll **<u>Georgina Farrugia</u>**.

Qal **<u>Noel Grech</u>** illi kien Patrick li kien mar fuqhom u gibed xaghar Georgina minn got-tieqa tal-vann illi din kienet fih mieghu. Gibdilha xagharha. Fuq hekk jghid Grech li hu nizel minn gol-vann. Qal illi kif ezatt kien ser ikellem lil Patrick, dan tah daqqa ta’ ponn, waqa’ mal-art. Qal illi hargu Georgina u l-ohrajn minn gol-vettura, pero hu resaq ‘l hemm ghax storda, anke ghax kellu ferita li Patrick ghamillu bic-crieket, wegghu f’mohhu n-naha tal-lemin bic-crieket – ma kellux

sutturi, kellu jghid '*sticks*' minflok. Qal illi dan Patrick kien fih ragel aktar minnu.

Mistoqsi in kontro ezami min kien kisser il-hgiega tal-vettura ta' Patrick, wiegeb illi ma kien jaf xejn fil-konfront tal-hgiega.

Minn naha taghha **<u>Georgina Farrugia</u>** xehdet illi hi u Noel kienu sejrin Paceville, kienu flimkien fil-vettura ma' certu Mary u Romina. Waqt illi kienu fit-traffiku, tghid illi waqaf certu Patrick Gatt illi qabdilha xaghara, u habbatha mal-bieba tal-vann. Qalet illi nizel Noel ikellem lil dan, pero dan Patrick, allura l-aggressur, skondtha ta daqqa ta' ponn lil dan Noel. Ziedet illi Noel storda u li lilha qabadha minn xagharha u habbtilha rasha mal-vann. Kienet hi li kienet qed issuq, u kkonfermat illi ma kinitx ghaddejja 'one way'. Ma kinitx taf min kisser il-hgiega ta' Patrick.

Semghet it-trattazzjonijiet u kkonsidrat.

Illi ghandu ragun l-Avukat Difensur illi hawn si tratta ta' verzjonijiet kompletament opposti – certament jirirzulta li bejn Noel Grech u Patrick Gatt inqala' anke litigju u gew fl-idejn jew aggredew lil xuxlin. Grech spicca wegga' f'wiccu, kellu minflok sutturi '*sticks*' - kif isejhilhom hu.

Minn naha tieghu Gatt jghid illi garrab griehi ta' natura hafifa kif jidher almenu mic-certifikat ezebit, folio 16. Certament ukoll jirrizulta li l-BMW – il-vettura ta' Gatt, sofriet danni. Gatt pero jghid fix-xhieda tieghu, illi tali danni ammontanti ghal aktar minn hames mitt Ewro (€500), li kienu huma li kisssrulu l-BMW bla ma jidentifika min huma dawn 'l "*huma*", dan meta tqis illi mill-vettura ta' Georgina, skondtu nizel ghalih Noel, Georgina, u t-tifla taghha.

Jirrizulta wkoll mill-atti, illi l-istess Gatt aktar tard fl-atti xehed illi thallas il-hames mitt Ewro (€500) u li ma kien baqaghlu ebda interess fil-kawza; ghalih ma kien gara xejn, kienu rrangaw kollox. Din il-Qorti, ghalkemm mhux bl-aktar mod facli, pero qajla tippretendi ahjar minn dan ix-xhud, tqisha bhala rinunzja.

Ghaldaqstant, in vista' tal-fatt illi ma tafx min ezatt kisser il-vettura u del resto sar il-hlas tad-danni, qieghda tillibera liz-zewg imputati mill-ewwel (1) akkuza, stante r-rinunzja – hawn tiddikkjara l-procediment ezawrit;

Lil Noel Grech wahdu tilliberah mill-akkuza tal-hsara in kwantu ma tirrizultax;

Lil Georgina Farrugia wahidha mit-tielet (3) akkuza tal-griehi gravi, ghax ma jirrizultawx; ukoll minhabba f'hekk mir-raba' (4) u hames (5) akkuzi dwar is-sewqan one way u b'mod traskurat u perikoluz; mis-sitt (6) akkuza minhabba r-rinunzja, mhux car ghall-Qorti min hebb ghal min, u min ikkaguna l-hsara;
Ir-recidiva certament ma gietx pruvata.

Issib pero htija biss fuq is-seba' (7) akkuza, u tikkundanna lil Noel Grech u Georgina Farrugia kull wiehed ghal emenda ta' mitt Ewro (€100), ghax issib htija dwar ksur tal-bon ordni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------